



EMA/307224/2015
EMEA/H/C/000982

Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku

Celvapan

vaċċin tal-influwenza (H1N1)v (virjon sħiħ, derivat minn ċello i-vero, inattivat)

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport Pubbliku Ewropew ta' Valutazzjoni (EPAR) għal Celvapan. Dan jispjega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Biedem (CHMP) ivvaluta l-mediċina sabiex wasal għall-opinjoni favorevoli tiegħu li tingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' użu qħa' Celvapan.

X'inhu Celvapan?

Celvapan huwa vaċċin li jingħata b'injezzjoni. Fih virusis tal-influwenza li ġew diżattivati. Celvapan fih razza ta' influwenza msejħha A/California/07/2009 (H1N1)v.

Għal xiex jintuża Celvapan?

Celvapan huwa vaċċin li jiġi orċtegi kontra l-influwenza kkawżata mill-virus A (H1N1)v 2009. Celvapan jingħata skont ir-rakkomandazzjonijiet uffiċjali.

Il-mediċina tista' tinxiseb biss b'rċetta ta' tabib.

Kif jintużza Celvapan ?

Celvapan tħalli tħalli b'injezzjoni fil-muskolu tal-ispalla jew il-koxxa, f'żewġ dożi, mill-inqas bi tliet ġimx-riżi bejniethom.

Kif jaħdem Celvapan?

Celvapan huwa vaċċin. Il-vaċċini jaħdmu billi 'jgħallmu' lis-sistema immunitarja (id-difiżi naturali tal-ġisem) kif tiddefendi ruħha kontra marda. Celvapan fih virus imsejjaħ A(H1N1)v 2009. Il-virus ġie inattivat (maqtul) ħalli ma jikkawżax mard.



Meta persuna tingħata l-vaċċin, is-sistema immunitarja tagħraf il-virus inattivat bħala "barrani" u tagħmel antikorpi kontrih. Is-sistema immunitarja mbagħad tkun tista' tipprodu antikorpi aktar malajr meta tkun esposta darb'oħra għall-virus. Dan jgħin fil-protezzjoni kontra l-marda.

Il-virusis użati f'Celvapan jitkabbru f'ċelloli tal-mammiferi ('ċelloli vero'), bil-kontra tal-bajd tat-tiġieġ.

Kif ġie studjat Celvapan?

Celvapan kien oriġinarjament żviluppat bħala vaċċin pandemiku, biex jintuża matul il-pandemija tal-influwenza A (H1N1) li ġiet iddiċċarata f'Ġunju 2009. Saru żewġ studji ewlenin li ffukaw fuq l-abilità taż-żejjew doċċi ta' Celvapan H1N1 li ngħataw tliet ġimġħat 'il bogħod minn xulxin sabiex jikkaw waż-żav rispons immunitarju. Studju minnhom involva 408 aduli f'saħħiethom, b'nofshom ikollhom iktaram minn 60 sena (202 ngħataw doża sħiħa ta' Celvapan, u l-oħrajn nofs doża) filwaqt li t-tieni studju involva 167 tifel u tifla f'saħħiethom ta' bejn is-sitt xħur u s-17-il sena (101 ngħataw doża sħiħa ta' Celvapan, l-oħrajn nofs doża).

X'benefiċċi wera Celvapan matul l-istudji mwettqa?

Fiż-żewġ studji, id-doża sħiħa tal-vaċċin uriet li ttella' l-livelli protettivi tal-antikorpi għal-livell sodisfaċenti skont il-kriterji stabbiliti mis-CHMP.

X'inhu r-riskju assoċjat ma' Celvapan?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Celvapan (li dehru f'aktar minn persuna1 minn 10 li ħadet il-vaċċin) huma wċiġi ta' ras u għeja. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji kollha rrapportati b'Celvapan, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Celvapan m'għandux jingħata lil nies li fil-pastar kellhom reazzjoni ana filattika (reazzjoni allerġika qawwija) għal xi wieħed mill-komponenti tal-vaċċin, jew għal kwalunkwe sustanza li tinsab f'livelli ta' traċċi (baxxi ħafna) fil-vaċċin, bħalma huma i-formaldeħajd, il-benzonase jew iz-zokkor tal-kannamieli.

Għaliex ġie approvat Celvapan?

Is-CHMP iddeċċieda li l-benefiċċi, ta' Celvapan huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomanda li jingħata awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq.

X'miżuri qiegħdin jitteħdu biex jiġi żgurat l-użu sur u effettiv ta' Celvapan?

Ġie żviluppat njan ta' ġestjoni tar-riskju biex jiġi żgurat li Celvapan jintuża bl-aktar mod sur possibbli. Abbaż, ta' dan il-pjan, fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljett ta' tagħrif għiet inkluża informazzjoni rigward is-sigurtà ta' Celvapan, inklużi l-prekawzjonijiet xierqa li għandhom ikunu segwi i-mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-pazjenti.

Informazzjoni oħra dwar Celvapan:

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq valida madwar l-Unjoni Ewropea kollha għal Celvapan fl-4 ta' Marzu 2009.

L-EPAR sħiħ għal Celvapan jinstab fis-sit tal-Aġenzija [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni dwar il-kura b'Celvapan, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'03-2015.